**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 70 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charmain Bezzina**

Illum, 13 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Charmain Bezzina ta' 33 sena, bint Paul u Josephine nee` Jenkins, imwielda l-Pieta` nhar is-17 ta' Jannar 1980, residenti 134, Triq is-Sur, Isla, detentriċi tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 105980 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F'dawn il-Gżejjer nhar il-25 ta' Ottubru, 2013 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew kienet xort'oħra

awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

c) Kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellha fil-pussess tagħha mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

U akkużata wkoll talli f'dawn il-Gżejjer matul is-sena 2012:

e) Kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

f) Kellha fil-pussess tagħha l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-26 ta' Frar, 2020, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8 (a), 8 (d), 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40 A, 120 A (1) (a), 120 A (2) (b) (ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 3 (1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-Artikoli 17 (f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputata Charmain Bezzina ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u ikkundannata għall-piena ta' wieħed u għoxrin xahar (21) priġunerija effettiva u multa ta' elfejn, seba' mija u ħamsin ewro (€2,750) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' tmenin ewro (€80), bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli

tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti għas-somma ta' erba' mija, erbgħa u disgħin ewro, ħamsa u disgħin ċenteżmu (€494.95) u s-somma ta' mija, sebgħa u tletin ewro, tlieta u erbgħin ċenteżmu (€137.43) rispettivament u l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' tliet mija, tnejn u erbgħin ewro, sitta u għoxrin ċenteżmu (€342.26), ammontanti b'kollox tali spejjeż għas-somma ta' disa' mija, erbgħa u sebgħin ewro, erbgħa u sittin ċenteżmu (€974.64). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti kollha relatati mad-droga formanti parti minn Dok. PG 3 u Dok. PG 4 rispettivament, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux iżjed tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22 (2) (b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat l-konfiska tal-erba' mobile phones formanti parti minn Dok. PG 3 u PG 4, favur il-Gvern ta' Malta.

Ordnat wkoll lill-Pulizija Eżekuttiva sabiex tinvestiga lil Terence Burrows dwar ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 104 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Aġent Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Charmaine Bezzina minnu pprezentat fid-9 ta' Gunju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata moghtija nhar is- 26 ta' Frar, 2020, fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Charmaine Bezzina**, fir-rigward tas-sejbien tal-htija, madankollu titlob illi tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif fuq spjegati.

Rat illi l-appellanta hassitha aggravata minn din is-sentenza u ghalhekk qeghda tinterponi dan l-umli appell.

**AGGRAVJU**

**PIENA INFLITTA ECCESSIVA**

Illi l-appellanta hassitha aggravata mill-piena inflitta stante illi mhux biss hija wahda eccessiva izda ukoll kienet wahda ferm aktar minn dak illi d-difiza u l-prosekuzzjoni ppatteggew fuqu, u cioe' illi minn tnax il-xahar (12) habs effettiv, l-ewwel Onorabbli Qorti imponiet piena ta' wiehed u ghoxrin xahar (21). L-appellant tikkoncedi ukoll, illi ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti avzatha illi ma kienetx marbuta b' tali premessa, l-appellanta xorta wahda thoss, illi l-ewwel Onorabbli Qorti imponiet piena eccessiva, meta wiehed jikkonsidra l-ammissjoni tal-imputata u l-kwantita' tad-droga misjuba.

Illi l-gurispridenza nostrana hija cara illi l-Qorti tal- Appell Kriminali hija qorti ta' revizjoni, u ghalhekk ma tistghax tiddisturba id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk dan ma jkunx meritat.

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci,** "*mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri):* "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**" *[26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena).* (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"** [20.3.2009] App. Krim. Superjuri.)"

Illi apparti l-fatt illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija wahda eccessiva, l-ewwel Onorabbli Qorti, fl-umli fehma tal-appellanta, ma tatx piz meritat ghall-fatt illi bl-ammissjoni tal-imputata il-Pulzija, hekk kif ordnat din l-istess Qorti permezz tas-sentenza odjerna, setghet aktar facilment tasal sabiex tiehu passi kontra Terrence

Burrows, illi bl-ammissjoni tal-imputata gie kkonfermat l-involviment tieghu f'dan il-process ta' spjaccjar ta' droga.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2020 .

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell hu limitat għall-piena. Illi hu minnu bhala fatt li bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** [1]:

*'Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-Iimiti li tipprefiġġi l-lġgi. Dan huwa hekk peress illi min jammettij jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kulI deċiżjoni dwar piena Ii l-Qorti tkun tista` tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx Ii din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jiekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew Ie. Mhuwiex normali pero', Ii tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Iiġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat."*

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali minn din l-Onorabbli Qorti fi-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallet) vs John Gauci**,[2] "mhux normali Ii din il-Qorti tal- Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva.

Dan għax, kif ġie ritenut f- Alppell Kriminali (Superjuri) . "**Ir-Repubblika ta' Malta vs.Carmen Butler[3]"** :-

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata millI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-*

[1] Moghtija 26 ta Mejju 2004
[2] Moghtija 26 ta' Marzu 2009
[3] Moghtija 26 ta' Frar, 2009

*każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll "***Ir-Repubblika ta 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard**[4])"

Illi fil-kaz odjem tal-appellanti Charmain Bezzina mhuwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm id-difiza issostni li hija eccessiva fic-cirkostanzi, kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jekk wiehed iqis is-serjeta u gravita tar-reat ta' pusess semplici, pusess aggravat u traffikar ta droga u l-kontinwita ta' dawn ir-reati li sehhew fuq medda ta' zmien bejn is-sena 2012 u 2013.

Illi madankollu kuntrarjament ghal dak ġara fil-kaz tal-Appell Kriminali ċitata supra fI-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**, u fil-kaz ta' "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**," I-appellant bl-ebda mod ma hallas ghad-danni kagunati minnu lis-socjeta u ma hemm l-ebda "ċirkostanza gdida sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tieħu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata u li ghalhekk tista' tagħti lok għal temperament fil-piena.

Il-Qorti rat l-atti tal-kawza u appuntu li l-appellanti tresqet il-Qorti nhar it-28 ta Ottubru, 2013, akkuzata b'diversi reati fosthom l-pusess semplici ta' Cannabis u resin tal-Cannabis, pussess aggravat tad-droga Eroija, traffikar tad-droga Eroina u kokajina. Rat illi l-prosekuzzjoni damet ghaddejja bil-provi taghha ghal zmien konsiderevoli u dan ghaliex kien biss tlett snin wara u cioe fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2016 li ddikjarat li ma kellhiex provi ohra xi tressaq. Rat illi susegwentment l-avukat tal-appellant talab differiment sabiex jirregola ruhu u dan ghaliex l-appellanti ma tkelmtix mieghu. Kien biss tlett snin wara li ressaq l-ewwel prova tieghu u cioe lil Helenio Galea jixhed in rappresentanza tal-kariga tieghu bhala ufficcjal tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Dan stqarr li in effetti l-appellanti dahlet fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fil-25 ta' Awwissu 2018 u kellha sitt rapporti dwar imgieba ghalkemm mhux gravi. Dan kienu jirrigwardaw l-imgieba taghha li ma tobdix ir-regolamenti tal ufficcjali. Bhala Urine tests jghid li ittiehdu hamsa u kollha taw rizultat negattiv ghal

[4] Moghtija 20 ta' Marzu 2009 App. Krim.Superjuri

presenza ta' droga. Qal li hija ppartecipat f'zewg korsijiet li jigu organizzati ghal *female section* u appuntu dwar Maths u English.[5]

Illi in segwitu hija registrat ammissjoni fil-21 ta' Jannar 2020 u cioe sebgha snin wara li bdew dawn l-istess proceduri. Meta f'dik is-seduta l-appellanti inghatat zmien biex tikkunsidra l-ammissjoni taghha u d-difiza ghaddiet biex tissuggerixxi li l-piena ghandha tkun vicin ta' sena prigunerija. Kif registrat l-atti l-ewwel Qorti stqarret li hija ma kientix marbuta ma dan is-suggeriment u ddifferiet il-kawza ghas- sentenza.

Rat il-fedina penali taghha esebita fl-atti[6] u minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-appellanti li illum ghandha erbghin sena ghandha sitt *convictions* registrati u l-ewwel wahda giet registrata fis-sena 2001 meta kien ghad-kellha dsatax-il sena meta kienet instabet hatja li hebbet ghall-ufficcjal tal-pulizija. Sussegwentement u dan sa mis-sena 2003 instabet hatja f'divesi okkazzjonijiet b'reati relatati ma pusses u pusses aggravat ta' droga fejn sahansitra anke inghatat piena ta' prigunerija effettiva. Cio nonnostante l-appellanti ma tghalmitx ghaliex regghet qieghda quddiem din l-Onorabbli Qorti bir-reati odjerni.

Il-qorti rat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u appuntu ir-ragunament taghha li wassalha biex tat il-piena inflitta. Hija bazat ir-ragunament taghha fuq is-segwenti:-

1. Il-fatt li l-appellanti instabet hatja ta' diversi reati fosthom tar-reat taht l-artikolu 95 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, pusess'semplici' ta' droga, 'pussess aggravat ta' droga eroina, serq aggravat f'zewg okkazjonijiet reat taht il-kapitolu 65 u kif ukoll ksur tal-kudizzjoni tal-liberta provisorja. Dan kollu jirrizulta mill-fedina penali esebita li hija riflessjoni tal-karattru reflettarju taghha.
2. Il-fatt li l-appellanti instabet hatja fis-sena 2008 u inghatat tlettin xaghar prigunerija effettiva ma serva bhala l-ebda deterrent biex izommha 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita.

[5] Fol. 239 u 240
[6] Fol. 248

3. Ix-xhieda ta Helenio Galea li tindika li l-imgieba taghha lejn l-Awtorita baqghet l-istess tant li kellha numru ta' rapporti waqt li qeda gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin, kif indikati minnu u li hafna minnhom gew deciza kontra taghha.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost l-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni ghala ghandha tbiddel il-piena inflitta fejn wara kollox hija iktar lejn il-minimu.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-piena inflitta kif ukoll fir-rigward tal-mertu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur